MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 356/1990/1

**Louis Balzan għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *M. Demajo (Holdings) Limited***

***Versus***

**Joseph Xuereb għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Perfect Screen Printers Limited* u b'nota tad-29 ta' Marzu 1990 Francis Xuereb assuma l-atti flok Joseph Xuereb f'isem is-soċjetà *Perfect Screen Printers Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' elf u ħamsa u sittin lira (Lm1,065) valur ta' sitt kambjali ta' mija u sebgħa u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm177.50) kull waħda li għalqu fit-18 ta' kull xahar bejn April u Settembru ta' l-1989. Talbet ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax minn dakinhar li għalqet kull kambjala, iżda fid-9 t'April 1990 is-soċjetà attriċi irrinunzjat għat-talba għall-imgħax minn dakinhar li għalqet kull kambjala u minflok

talbet illi l-imgħax igħaddi minn dakinhar meta l-konvenuta kienet notifikata biċ-ċitazzjoni.

Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet tad-9 t'April 1990 ċaħdet dik it-talba u ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali.

Is-soċjetà konvenuta mbagħad ressqet l-eċċezzjoni illi l-kunsens tagħha meta aċċettat il-kambjalijiet kien ittieħed b'qerq.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

Is-soċjetà konvenuta xtrat *computer software* mingħand is-soċjetà attriċi bil-patt illi dak is-*software* ikun oriġinali. Meta l-attriċi assikurata illi s-*software* tassew kien oriġinali l-konvenuta aċċċettat il-kambjalijiet. Dan kien xi ġimagħtejn wara l-konsenja. Il-konvenuta tgħid ukoll illi l-ftehim kien illi s-*software* kellu jiġi konsenjat sħiħ, *i.e.* flimkien mas-*source code* li huwa meħtieġ sabiex is-*software* ikun jista' jkompli jiġi żviluppat. Xi sitta jew seba' xhur wara, meta bdiet tinqeda bis-*software*, iżda, lill-konvenuta dehrilha illi dan ma kienx oriġinali u wkoll illi ma kinitx ingħatat is-*source code*, u għalhekk ma ħallsitx il-kambjali meta immaturaw. L-attriċi mbagħad fetħet din il-kawża biex titħallas.

Sabiex igħinha fil-materja teknika ta' din il-kawża, il-qorti b'dikriet tat-23 ta' Novembru 1995 ħatret espert tekniku. Dan l-espert, iżda, baqa' ma irrelatax, u għalhekk il-qorti b'dikriet ta' l-14 ta' Novembru 2002 ħatret ieħor floku u dan it-tieni espert irrelata fl-10 ta' Mejju 2006.

Il-kwistjoni għalhekk essenzjalment hi (i) jekk is-*software* konsenjat mill-attriċi lill-konvenuta kienx tassew oriġinali, (ii) jekk l-attriċi kinitx intrabtet li tikkonsenja wkoll is-*source code* u (iii), f'dak il-każ, jekk tassew ikkonsenjatx is-*source code*.

Il-konvenuta qiegħda tgħid illi s-*software* ma kienx oriġinali għax id-diski relativi ma waslux issiġillati, għax il-*manual* kien fotokopjat u għax ma ngħatatx iċ-ċertifikat tal-liċenza biex tkun tista' tirreġistra l-prodott mad-dar barranija li hija l-proprjetarja tas-*software* u hekk tkun tista' tikseb *upgrades*.

L-espert tekniku maħtur mill-qorti irrelata illi s-*software* tassew kien oriġinali.

Barra minn hekk, fil-fehma tal-qorti, in-nuqqasijiet kollha msemmija mill-konvenuta li ħassbuha ħażin – diski li ma kinux siġillati, *manual* fotokopjat u nuqqas ta’ ċertifikat, kienu kollha ħwejjeġ li jidhru u li l-konvenuta setgħet tintebaħ bihom hekk kif saret il-konsenja, li kien ġimagħtejn qabel ma aċċettat il-kambjali. Kellha għalhekk żmien ampju biex tara l-affarijiet tagħha u ma tistax issa tgħid illi kienet imqarrqa.

Fil-fatt mix-xhieda irriżulta illi d-diski kienu nfetħu sabiex issir *demonstration* tal-programm għand is-soċjetà attriċi u l-konvenuta tkun tista’ tarah jaħdem qabel tixtrih[1].

Dwar in-nuqqas ta’ reġistrazzjoni tal-liċenza, dan *se mai* – u jekk tassew kien hemm *software licence agreement* biex is-*software* ikun reġistrat f’isem il-konvenuta – jista’ jkun inadempiment minħabba nuqqas ta’ konsenja – ħaġa li sseħħ wara l-formazzjoni tal-kuntratt – u mhux qerq, li jseħħ meta l-kuntratt għadu *in fieri*. Dan in-nuqqas, għalhekk, ma jistax iwassal għat-tħassir tal-kuntratt minħabba qerq.

Dwar il-kwistjoni tas-*source code*, jidher illi tassew illi l-ftehim kien illi dan kellu jiġi konsenjat ukoll; fil-fatt il-*manual* stess igħid illi “*… … … besides the database you also get the source code … … … and all other information, tools and documentation to allow you or your supplier to add modules or make changes to existing modules … … …*”[2].

Il-ftehim bejn il-partijiet, li sar b’kitba privata tal-20 ta’ Lulju 1987[3], tgħid illi “*the necessary information required to write further software or update same*” kellha tingħata lil ċertu Charles Cachia, konsulent imqabbad mill-konvenuta, u mix-xhieda ħareġ illi fil-fatt is-*source code* u t-tagħrif meħtieġ tassew ingħataw lil dan Charles Cachia, li wkoll inqeda bih biex għamel xi tibdil fil-programm[4].

Ukoll, li kieku s-*source code* ma ngħatax, din ma kinitx tkun kwistjoni ta’ qerq fil-formazzjoni tal-kuntratt iżda inadempiment jew nuqqas ta’ adempiment sħiħ fl-esekuzzjoni tiegħu.

---

[1] Ara x-xhieda ta’ Charles Cachia fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 1992, *fol*. 61.

[2] *Fol*. 40.

[3] *Foll*. 38 *et seq*.

[4] Ara x-xhieda ta’ Charles Cachia fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 1992, *fol*. 62.

Jidher ċar, għalhekk, illi l-ilment tal-konvenuta illi kienet imqarrqa mill-attriċi huwa wieħed fieragħ.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawa billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u ħamsa u sittin lira (Lm1,065) flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża u l-imgħax mitlub mill-attriċi skond il-verbal tas-seduta tad-9 t'April 1990[5].

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

5 *Fol*. 18